

Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-allinjament ta' ċerti pajjiżi dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Gwatemala

Fit-12 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1199¹.

Fid-dawl ta' azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u t-trasferiment paċifiku tal-poter fil-Gwatemala, inkluż permezz tal-istrumentalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja biex jitqiegħdu fil-mira uffiċjali eletti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti, mexxejja indiġeni u operatori ġudizzjarji indipendenti, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1199 iżżid tliet persuni u entità waħda mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness għal dik id-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni taġġorna wkoll l-entrati għal ħames persuni.

L-Albanija, l-Armenja, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Maċedonja ta' Fuq, (ir-Repubblika ta')l-Moldova, il-Montenegro, in-Norveġja, is-Serbja u l-Ukrajna jallinjaw ruħhom ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Huma ser jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Unjoni Ewropea tiegħu nota u tilqa' dan l-impenn b'sodisfazzjon.

¹ĠU L, 2025/1199, 12.06.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1199/oj>.